

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 675/2007**tal-15 ta' Ġunju 2007****li jstabilixxi safejn jistgħu jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet li jsiru fl-ewwel 10 t'ijiem ta' Ġunju 2007 għal-liċenzji ta' l-importazzjoni tal-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ta' l-14 ta' Diċembru 2001 li jstabilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ u li jiftaħ il-kwoti tat-tariffi, u partikolarment Artikolu 35a (3) tiegħu,

Billi:

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni, magħmulin mill-1 sa' l-10 ta' Ġunju 2007 għall-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182 irriferiti fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 u nnotifi-

kati lill-Kummissjoni sat-13 ta' Ġunju 2007, jikkonċernaw kwantitajiet akbar minn dawk disponibbli. Għalhekk il-koeffiċjenti ta' l-allokazzjonijiet għandhom jiġu ffissati għall-kwantitajiet li saret applikazzjoni għalihom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għall-butir li joriġina minn New Zealand skond in-numri tal-kwoti 09.4195 u 09.4182 magħmulin skond ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 mill-1 sa' l-10 ta' Ġunju 2007 u nnotifikati lill-Kummissjoni sat-13 ta' Ġunju 2007 jridu jiġu aċċettati suġġetti għall-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' l-allokazzjonijiet kif stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fit-totalità kollha tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).⁽²⁾ ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 487/2007 (ĠU L 114, 1.5.2007, p. 8).

ANNEX

In-numru tal-kwota	Il-koeffiċjent ta' l-allokazzjoni
09.4195	20,172164 %
09.4182	100 %